MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 87

**15 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier

**ASSENTI**
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal laqgħa kien hawn preżenti ukoll il-pubbliku.

**87.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

87.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

87.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittri ta' apoloġija mill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami li kellu laqgħa oħra fl-istess ħin. L-apoloġija ġiet aċċettata b'mod unanimu.

**87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

87.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 86 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

87.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 86 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**87.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

87.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ċ-ċiklist li kien weġġa' f'allegat incident li seħħ fi sprall fi Triq Ħas-Sajjied kien fetaħ kawża kontra l-Kunsill u se nqabbdu l-avvukat tal-kunsill biex jirribatti l-allegazzjonijiet.

87.3.2 Bil-permess tas-Sindku u l-Kunsilliera, tħalla jitkellem is-Sur Carmel Azzopardi mill-pubbliku. Huwa qal li bħalissa ħarġu applikazzjonijiet għall-fondi mill-*Malta Arts Council* u huwa interessat li flimkien mal-Kunsill japplika sabiex inġibu fondi fejn nallaċċjaw l-anzjanita' attiva u hu jgħallem l-*istained glass*. Hu diġa' għamel proġett simili għal *Lyceum*. Il-proġett ikun jinvolvi xogħol li jkun jista' jitgawda mill-pubbliku u jieħu madwar tliet xhur. Is-Sindku u l-kunsilliera qablu ma' din il-proposta u s-Segretarju ġie mitlub jikkordina l-preparamenti.

87.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed jintalab biex nikru vann ieħor għall-ħaddiema tal-*community work scheme*, u huma xtaqu li jkollhom Dyna ieħor. Dan biex tiżdied l-effiċjenza. Is-Segretarju qal li se jiċċekkja mad-Davico jistax jagħtina Dyna ieħor. Is-Sindku qaltlu jiċċekja ma' xi nies oħra biex ma ndumux mingħajr din il-vettura. Kien hemm qbil.

**87.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

87.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**87.5 Rapporti Bord Evalwazzjoni**

87.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li reġgħu nfetħu l-offerti tal-ġbir ta' ħwejjeġ f'bins blu u bieb bieb, ħareġ illi l-offerta ta' *RefabLightBlue Partenrship* kienet aħjar minn ta' *Malta Textile Recycling*. (31euro kull bin kull xhar kontra 22euro kull bin kull xahar). B'mod unanimu ġie approvat illi jiġi ffirmat ftehim għal sena mar-*RefabLightBlue Partnership*.

87.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi l-Bord ta' Evalwazzjoni kien iltaqa' dwar it-tender ta' *structural alterations* fil-binja tal-mużew tal-ferrovija. Kien hemm *bid* waħda li pero' kienet ta' 416,450euro meta l-budget kien ta' 180,000euro u għaldaqstant il-bord kien qed jirrakomanda li dan it-tender ikun kanċellat u jerġa' joħroġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li kien hemm diskussjoni mal-perit tal-kunsill ġie deċiż li t-*tender* jerġa' jinħareġ u jinqasam f'biċċiet għax meta morna għal *turnkey project*, kienu qed jisplodu l-prezzijiet. Kien hemm qbil nem. con. dwar dan.

**87.6 Jum Birkirkara**

87.6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet l-ismijiet għal Unur Birkirkara, nies li jkunu għamlu unur lil Birkirkara li huma – Zac Dimech, Donna Micallef, Clayton Ebejer, Kurt Ebejer, Martina Abela, Roberta Mallia, Mark Mifsud, Karen Micallef, l-Isqof Awżiljajru Joseph Galea Curmi, Gilmour Borg, Martina Schembri, Doris Micallef, Franklin Pace, u Carmelo Brincat. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet dwar dawn in-nomini.

87.6.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet l-ismijiet għall-apprezzament, nies li jkunu għenu lill-Kunsill. Dawn huma – Alex Caruana, Francis Schembri, Ivan Attard, Darren Vassallo, Gino Micallef, Perit Mifsud Borg, Tommy Debono, Frederick Azzopardi, Lawrence Darmanin, Roberta Ciangura, Sandro Muscat, Joan Mangion, Johann Buttigieg, Michael Cohen, Matthew Giordmaina, William Wait, Rodney Micallef, Emren Vella, Claudio Camilleri, Natasha Abela, Joslyn Cachia, Mark Scerri, Etienne St.John, Walter Muscat, Mro. Archibald Mizzi, Mro. Aurelio Belli, Mro. Joseph Vella u Emanuel Vella. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet dwar dawn in-nomini.

87.6.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li daħlu tmien nomini għal Ġieħ Birkirkara. Wara diskussjoni ġie deċiż li Ġieħ Birkirkara jingħata lis-Sinjura Doris Borg eks Sindku, lis-Sur Raymond Zammit eks Supretendent u s-Sur Michael Galea, eks futboler. Dan bi qbil unanimu.

**87.7 Rapport Finanzjarju *Culture Fund***

87.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport finanzjarju, hekk kif stipulat fir-regolamenti, dwar kemm nfaqna flus fl-attivita' kulturali ta' *Charles and Ron*. L-attivita' ġiet tiswa' b'kollox 13944euro u għaliha ksibna 8000euro bħala fondi. Is-Segretarju qal ukoll li ħadna flus għal libreriji u kienu se jsiru żewġ *open libraries*, waħda fi Ġnien Stazzjon u oħra fi Ġnien John Borg.

**87.8 Skema Finanzjarja Eżerċizzji Fiżiċi**

87.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nħareġ fond dwar eżerċizzji fiżiċi u sports. Huwa tkellem mas-Sindku u flimkien ma' Euchar Camilleri ta' Birkirkara St.Joseph se tkun organizzata *fun run* fis-27 ta' April 2019 wara nofsinhar flimkien ma' attivitajiet sportivi oħra. Kien hemm qbil illi l-Kunsill japplika għal dan il-fond.

**87.9 *Europe for Citizens Programme***

87.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Segretarju Eżekuttiv tar-reġjun bagħtet email biex issaqsi hemmx interess biex napplikaw għal program ta' *town twinning* fil-*Europe for Citizens Programme*. Iva, hemm interess u se nwieġbu fl-affermattiv.

**87.10 Pjan ta' Azzjoni - Integrazzjoni**

87.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-gvern ċentrali qed jaħdem fuq it-tema ta' integrazzjoni u mar laqgħa għand l-AKL fuq dan is-suġġett. Huwa ressaq pjan ta' azzjoni li ġie suġġerit. L-għan kien li jsir *mapping* tas-sitwazzjoni, u jkun hemm kuntatti eqreb bejn rappreżentanti ta' residenti barranin u l-kunsill. Is-Sindku qalet lis-Segretarju biex jieħu ħsieb jaħdem fuq dan il-proġett. Kien hemm qbil unanimu.

**87.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti 65, u *Petty Cash***

87.11.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

87.11.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 66 kienet approvata nem. con. fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech sekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg u l-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja.

**87.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

87.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 12 ta' Diċembru fis-6pm.

Konfermati, illum 12 ta' Diċembru 2018.

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |